il-Gżejjer

It-Tlettax-il Sena

5/84

UNIVERSITY OF MALTA

# Diskussjoni fil-Parlament dwar tibdil fil-Liġijiet Elettorali

## MOZZJONI TAL-PRIM MINISTRU

**Nhar l-Erbgħa 6 ta' Ġunju 1984 il-Kamra tar-Reppreżentanti iddiskutiet il-Mozzjoni li ressaq il-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff li fiha issuġġerixxa li jinħatar Kumitat Magħżul li jkollu l-għan li jtejjeb il-Kostituzzjoni.**



*Il-Mozzjoni tal-Prim Ministru, filwaqt li tipproponi diversi emendi għall-Kostituzzjoni tgħid li l-Kumitat għandu jinħatar biss wara li l-Oppożizzjoni turi verament rieda tajba u mhux qabel isir magħruf kif ġew l-armi fil-Headquarters tagħha.*

*Dan li ġej huwa siltiet mid-diskors li l-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff għamel fil-Parlament:*

Mr Speaker, il-bieraħ ħadt pjaċir nisma' lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni li meta jiġi biex jikkwòta, ifiehem, igħallem fuq id-demokrazija (għamilha kemm-il darba din) — **jaqbad dak li ngħallmu aħna lill-poplu tagħna** fit-twemmin tagħna bħala Partit Soċjalista. Ħadt pjaċir ħafna jien u ħadt pjaċir ħafna nisimgħu jgħid li l-ewwel kundizzjoni fondamentali għall-ħelsien, għad-demokrazija, hija li ċ-ċittadini ta' dak in-nazzjon ikunu jistgħu jagħżlu fil-libertà mingħajr xkiel lil dawk li jixtiequ li jmexxuhom.

U l-mozzjoni li għandna l-lejla qegħda tħares lejn is-sustanza tal-ħelsien u qegħda tgħid: ''X'għandu bżonn jagħmel il-poplu tagħna biex dan il-ħelsien li għadu kemm jiksbu, isaħħu?'' U aħna qed ngħidu l-ewwel — (u dan għallimna l-kalvarju ta' l-imgħoddi) — aħna għandna flimkien dak li għidna lill-poplu tagħna, (għax dan mhux aħna biss issa għidnih lill-poplu tagħna imma qalitu wkoll l-Oppożizzjoni), li f'Malta m'għandux ikun hawn bażi militari, dak għandna ndaħħluh fil-Kostituzzjoni, għandu jkollu 'entrenchment' jiġifieri jiġi ssodat ħafna b'mod illi la taffermah żewġ terzi tar-rappreżentanti tal-poplu biex imbagħad jitneħħa, mhux tkun trid sempliċi maġġoranza tal-Membri tal-Parlament, imma tkun trid tnejn minn tlieta jew erbgħa minn ħamsa, skond kif niftehmu li dan isir. Jien fuq dan il-punt mhux se ntawwal għax l-Oppożizzjoni, jekk ma tridx issa tagħmel 'right about turn' ieħor, qegħda on record illi ma' dan taqbel.

Imbagħad qegħdin ngħidu wkoll li jekk irridu aħna li f'pajjiżna veru nagħżlu fil-libertà, fl-affarijiet tagħna ta' pajjiżna m'għandux ikun hemm indħil tal-barrani. Il-bieraħ jien tkażajt nisma' lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni jinterpreta l-Liġi li għamilna aħna (biex il-barrani ma jindaħlilniex fl-affarijiet tagħna) bħala ħaġa ta' nuqqas ta' libertà. Aħna x'liġi għamilna s'issa?

**''Jekk irridu aħna li f'pajjiżna veru nagħżlu fil-libertà, fl-affarijiet tagħna ta' pajjiżna m'għandux jkun hemm indħil barrani.''**

Aħna għamilna liġi u għidna li meta l-barrani jiġi fostna, mhux hawnhekk qisu pajjiżu, jaqbad u jgħaffeġ u jindaħlilna fl-affarijiet tagħna u aħna lanqas nistgħu nersqu f'pajjiżu. Hawnhekk jekk irid jiġi jrid iġib ruħu bħala barrani, ma jindaħlilniex fl-affarijiet tagħna, u jekk irid jagħmel xi ħaġa li hu għandu xi dubbju li tista' tiġi mfissra bħala indħil għandu jitlob il-permess tagħha, u aħna meta nkunu ċerti illi dawn huma affarijiet leġittimi, li jsiru minn kulħadd, aħna nħalluh.

Aħna x'ma ridniex f'pajjiżna? Aħna ma ridniex f'pajjiżna li jkollna żewġ gvernijiet. U dan la tajjeb għall-Oppożizzjoni u lanqas għalina għax jekk nibdew aħna f'pajjiżna l-barrani jiġi u jgħid: ''Intom mhux gvern wieħed għandkom taf, intom għandkom tnejn.'' Imbagħad għada jiġi jgħidilna għandkom tlieta, pitgħada jiġi jgħidilna għandkom erbgħa . . . Aħna ridna u għadna rridu, għadna nesiġu illi jekk il-barrani qiegħed jirrikonoxxi l-Gvern ta' Malta — u għandu d-dritt ma jirrikonoxxihx dan, aħna hemm gvernijiet li ma nirrikonoxxuhomx, — irid jirrikonoxxi illi dak il-Gvern li jkun qiegħed hemm skond il-kostituzzjoni, lil dak il-Gvern illi l-pajjiż aċċettah biex jiggvernah. U mhux jiġi hawn Malta u jgħid: ''Aħna l-Oppożizzjoni nqisu illi qed tirrappreżenta lill-poplu Malti.'' **Jirrappreżenta lill-poplu Malti l-Gvern tar-Repubblika . . . ta' l-Istat ta' Malta. Ħadd iktar. U jekk il-barrani ma jaċċettax din, jista' jitlaq 'il barra u ma rriduhx hawn. Għax allaħares, ikollna dan is-sistema aħna, illi jiġi jippreżenta l-kredenzjali, — rappreżentant ta' gvern — jiġifieri qed igħid: ''Jien se nibgħat f'Malta r-rappreżentant tiegħi biex jitkellem mal-gvern ta' Malta.'' Imbagħad meta jiġi hawn igħid: ''Imma issa jien lill-Oppożizzjoni se nirrikonoxxi mhux il-Gvern.'' Dak aħna ngħidulu li malli jagħmel hekk u jaqbeż il-linja, aħna ngħidulu: ''Barra minn hawn, m'għandnix x'nambuk. U din imkien ma ssir. U lanqas għandha ssir mal-poplu tagħna.''**

Issa mhux dan biss l-indħil. Aħna rajna fl-aħħar elezzjoni, għaddejja logħba li jiena nista' biss nipparagunaha qisu ma' żewġ nemliet, u dawn in-nemliet qed jagħmlu tellieqa bejniethom u f'daqqa waħda, waħda minn dawn in-nemel — għax ma setgħetx tasal waħedha — tmur issib tliet iljunfanti kbar jekk mhux erbgħa u tgħidilhom: ''Ejjew għinuni ħalli nieħu l-ewwel jien.''

U għal min qed nirreferixxi jien? Ħalli naraw jekk humiex iljunfanti dawn. Jien qed nirreferixxi għall-partit l-ikbar wieħed li hemm fl-Italja, li ġie hawn dan qabel l-elezzjoni u kontra li għamel kulħadd, . . . għax aħna nifhmu li jekk inti għandek it-twemmin tiegħi tixtieq li nilħaq jien u l-ieħor jekk għandu t-twemmin ta'

ħadd. Hemmhekk kien hemm (meta waslu l-Pulizija) iċ-Chief Security Officer tagħkom. Ġewwa, jarahom jiftħu, kien hemm iċ-Chief Security Officer tagħkom.

Wara li sibna dawk hemmhekk imbagħad sibna mhux imbagħad iktar sentrijiet imma ftit tal-ħnieżer iktar serji ġo Ħal Qormi. U dawk allavolja mbagħad intom ħadtu pjaċir għax il-Maġistrat fet-tillu jgħid mhux fl-interess tal-pubbliku li l-'evidence' tinstema'.

U aħna ma naqblux miegħu dan. U għidna li ma naqblux miegħu. U għidnih barra u ngħiduh ġewwa u ngħiduh kullimkien li ma naqblux miegħu dan. Min jaf x'hemm dan? Ara x'qed ngħidlek ukoll, li dawn taw 'evidence' dawn li ġibuhom mingħand iċ-Chief Security Officer tagħkom Gejtu Cuschieri. Issa aħna nafu li dan Gejtu Cuschieri impjegah mhux l-eżekuttiv taf dan. Billi tgħidli inti l-Partit ma jafx, jekk il-Partit hux int u Louis Galea! Jekk m'għidtulhomx, jekk tgħaffġu waħedkom, jekk kollox intom u kollox bil-magħluq! Taħsibx li ma jgħidux sħabek inti kontra tiegħek li kollox trid tagħmel inti u ma jindaħallek ħadd u ma jitkellem ħadd u kollox f'idejk. Ara taħseb li ma jgħidux! Bħalma jgħidu li tqabbdu intom hemm ġew u tagħmlu intom u tgħaffġu intom! Qed ngħidlek: Inti u l-ieħor qabbadtuh dan bħala Chief Security Officer, qabbadtuh għax tafu li hu Nazzjonalist attiv ħafna . . . .

Dawn l-armi aħna rridu nafu kif ġew. Jekk intom veru m'għandkomx x'taqsmu għinuna ħalli nsibu minn fejn ġew dawn. S'issa m'għamiltu xejn, s'issa kull darba tidħku hawnhekk, s'issa lil sħabek tgħidilhom inti: "Din ngħadduha din bħalma ngħaddu l-burraxki l-oħrajn."

Ma tgħaddu xejn għax jien se ngħidlek hawn li qabel ma nkunu nafu għaliex ġew dawn, kif ġew u għaliex kienu f'idejn il-partitarji tagħkom aħna mhu se nbiddlu xejn fil-Kostituzzjoni.

**"Aħna nibdew nitkellmu meta inthom tindmu, tgħidu: Aħna veru se nsiru demokratiċi."**

Int għamilt *right about turn tonight,* il-lejla fl-emendi li għamilt għaliex minflok l-aħħar ta' Ġunju żidt tliet xhur oħra. Din għalina din ir-*right about turn* ma tfisser xejn, dan ma jfisser xejn, mhux *right about turn* tista' tagħmel, miljun, għax qabel ma tibdlu n-natura tagħkom intom u tibdlu dan l-attakk kontra l-poplu tagħna, intom mhux kontra tagħna qed tiġġieldu — Kontra tiegħi qed tiġġieled int? — Jien x'jonqosni jien? Int mingħalik li jien . . . . Jien irrid insir President? Għalfejn irrid insir President? Inti taf, inti mort għidt, mort għidt ġewwa u barra. Toqgħodx tigdeb issa.

Mort għidt li jien qed nagħmel dawn l-emendi fuq President għax jien irrid insir President. Għalfejn irrid insir President jien, għaliex?

Inti ma stajtx tiggverna, ħadd ma seta' jagħmel xejn, kont minn fuq toqgħod tiġi tgħajjarni lili u tgħid li jien dittatur. Allura inti f'sensik? Trid għada tmexxi pajjiżna.

Qgħadt tgħajjarni kullimkien int, thedduni bit-telephone, thedduni li se tisparawli u mhux lili biss heddidt int. Heddidt lill-President, heddidt lill-Electoral Commissioner, heddidt lill-Public Service Commission, heddidt lill-Broadcasting Authority, issa qbadt max-xandir. Inti jekk għandek xi kwistjoni ma' tax-Xandir stiednu biex tagħmlu debate int u hu. Inti tieħu gost tant bid-djalogu! Jien ma nafx ma' min ma tagħmilx djalogu inti. Tagħmlu quddiem il-mera d-djalogu, allura ma tagħmilx wieħed bħal dan?!

Fi żmienkom, ma ħallejtu lil ħadd jitkellem għax kellkom is-saħħa reliġjuża. Intom tafu li lanqas fil-meetings ma kienu jħalluna dawn.

Pellegrini kien magħna dak iż-żmien. Intom lanqas tafu għax ġejtu l-bieraħ. Int għajjart lil dan . . . . Inti ġejt il-bieraħ u dħaltlu minn wara l-Borg Olivier u kissirtu għal xejn. U seħtek u qed tilħqek issa.

Jiena li qed ngħidlek il-lejla qed ngħidlek ħaġa waħda, ibdlu. Inti taf li meta fl-imgħoddi għidtlek: "Tieħux din it-triq. Din it-triq ma twasslek imkien." Aħna għandna responsabbiltà li mmexxuh lill-pajjiż. Veru illi intom ġibtu voti iktar, iżda mhux veru li aħna babasna u inti m'għandek l-ebda prova u kull meta tgħid hekk fittex il-kuxjenza tiegħek, ħares lejn il-kotba, għaliex (għalkemm igħidu dan ir-riżultat ħażin ta' sistema tajjeb) qalu wkoll li din kienet eċċezzjoni.

Aħna nibdew nitkellmu u nagħmluhom (It-tibdiliet fil-Kostituzzjoni) meta intom tindmu, tgħidu: Aħna veru se nsiru demokratiċi, lil dan il-pajjiż mhux se nagħmlulu ħsara iktar, mhux se nġibu kaos f'dan il-pajjiż, se ngħinu lil dan il-Gvern biex iżomm l-ordni ħalli mbagħad — kif għidt inti — sentejn u nofs oħra jew qabel — meta naraw aħna — nagħmlu elezzjoni bil-kwiet kif irid il-pajjiż fid-demokrazija u fis-sliem.

Il-bieraħ smajna l-gidba, per eżempju tal-Blue Sisters, li qalu li d-dinja kollha daret kontra tagħna għax aħna għalaqna l-Blue Sisters. L-ewwelnett, ma għalaqna xejn il-Blue Sisters aħna, dawk — (u għidtha u nerġa' ngħidha u nibqa' ngħidha) — kienu ddeċidew minn qabel li se jitilqu, u qatt ma qalulna. Aħna għidnielhom: Intom m'intomx taqdu d-dmirijiet tagħkom, dawk id-dmirijiet li erfajtu meta ħadtu l-istpar f'idejkom u għidtu li b'dan l-isptar mhux se tagħmlu qliegħ? Aħna għidnielhom lilhom: Intom qegħdin hawnhekk għall-qliegħ, dan mhux skond l-ispirtu ta' min ta l-isptar b'xejn lilkom, intom m'intomx taqdu lill-popolazzjoni ta' Malta. Ejja niftehmu ħalli taqduha din għax inkella se nżommulkom il-liċenzja.

. . .

Dan li għidnielhom aħna. U ta' dan mhux se nistħu, u m'għandniex għalfejn immorru nqerrru. Għandu għalfejn imur iqerr, u veru jqerr bis-serjetà, min joqgħod jgħajjarna u jgħid li għamilna dan kontra r-reliġjon.

Kif tidħol ir-reliġjon f'dan? Kristu qalilhom lil dawn biex jieħdu sptar f'idejhom u dan l-isptar minflok imexxuh skond kif ried min tahulhom li jmexxuh għall-fqar, li jmexxuh mingħajr qliegħ, u jmexxuh biss għal min iħallas? Hekk ried Kristu!? Għax allura jekk ried hekk Kristu aħna morna kontra Kristu, jekk ried bħalna Kristu allura huma marru kontra Kristu, u jistgħu jgħidu kemm igħidu, minn issa sal-Ġudizzju Universali, għax hekk jibqgħu l-fatti. Mhux veru dan li ħaditha d-dinja kollha kontra tagħna. Min hi din id-dinja? Dan għax kien hemm wieħed Irish u dan l-Irish beda jgħid li aħna imissna nistħu qegħdin inkeċċu lis-sorijiet tal-karità?! . . .

Dawn sorijiet tal-karità.?Fejn hi l-karità?

X'qalu iktar qabel dawn? Qalu li aħna l-Qrati spiċċaw. Qalu li aħna mhux qed inħalluhom imorru fuq it-television. Dan qabel ma saret l-elezzjoni. Ġejna biex nagħmlu l-Budget fil-Parlament, qalu: "Aħna m'hemmx għalfejn dan il- . . . issa żgur se nkunu aħna u la se nkunu aħna m'hemmx għalfejn isir dan, lanqas se niġu għax il-ġimgħa d-dieħla jew xahar ieħor se nkun hemm aħna u l-Budget nagħmluh aħna." Dan anke kieku kienu se jsiru huma xorta setgħu għamluh wara. Imma l-poplu ma jistax igħaddi mingħajr Budget. Il-poplu ma jistax igħaddi mingħajr ma jkun jaf x'nefqiet se jkollu u ma jkollux minn sena għal oħra. Għaliex dan? Għax issa nkompli nipprova jien li l-Oppożizzjoni mhux tirranġa l-affarijiet trid, l-Oppożizzjoni trid tkisser l-affarijiet.

> **"L-Oppożizzjoni mhux tirranġa l-affarijiet trid — l-Oppożizzjoni trid tkisser l-affarijiet."**

Għax huma bil-kliem igħidu li jaqblu li m'għandux ikun hawn indħil taf. Ara taħseb li xi ħadd minnhom dawn igħid: "Aħna rridu l-indħil barrani." Bil-kliem igħiduh mod imma bil-fatti mbagħad igħidulu: "Ejja, kissru, biegħlu dan, tikkonfondix. Dan jekk tkissru kollox ma ġara xejn, imbagħad tkunu magħna u naraw kif nagħmlu niġu bħall-imgħoddi. Intom u aħna naħqru l-fqir, naħqru ż-żgħir, naħqru l-ħaddiem u nerġgħu niġu l-ħaddiem bir-roqgħa m'għajnu, u kulħadd jitlob il-karità, minflok jieħu l-pensjoni tax-xjuħ, eċċ., eċċ." Mela din l-emenda l-oħra li qegħdin ngħidu li ssir.

Imbagħad qegħdin ngħidu wkoll: Meta niġu biex nitkellmu fuq il-proprjetà privata u għamilna l-ewwel pass fil-Kostituzzjoni ta' l-1974, aħna rridu nżommu f'rasna li l-proprjetà privata għandha l-aspetti soċjali. U dawn l-aspetti soċjali tant huma kbar li kontinwament aħna rridu ngħidu lilna nfusna: "Il-proprjetà privata mhux qegħda hemmhekk għall-ġid ta' l-individwu, qegħda hemmhekk għall-ġid tas-soċjetà." U hi privata bħala mezz biex tagħmel ġid lis-soċjetà. Mhux 'the other way round'. Mhux inti s-soċjetà qegħda hemmhekk biex l-individwu jkollu l-proprjetà privata. Jien infiehem din iktar aħjar. Jekk jien għandi għalqa, u s-soċjetà trid li din l-għalqa tkun privata, jiġifieri tkun ta' bniedem waħdu, dan tagħmlu għax is-soċjetà tħoss li meta dik l-għalqa qegħda f'idejn bniedem waħdu jieħu ħsiebha iktar aħjar, il-frott minn dik l-għalqa se jiġi aħjar u s-soċjetà se tgawdi iktar. Mela l-proprjetà privata hija mezz għall-progress u għall-ġid tas-soċjetà. Mhux is-soċjetà għandha l-affarijiet, taf tagħmilhom aħjar mill-individwu, tmexxihom aħjar u f'daqqa waħda tgħid: "Jiena nemmen fil-proprjetà privata, mela għaddej it-tali agħtihielu lil dan u ħudha lin-nies u agħtiha lil dan." Fejn hija din il-konċezzjoni tal-proprjetà privata tal-lum, fejn hi? Hekk il-proprjetà privata? Mela aħna qegħdin ngħidu li meta issa nerġgħu nħarsu lejn il-Kostituzzjoni naraw l-aspetti soċjali tal-proprjetà privata, naraw x'għaddejna f'dawn iż-żminijiet meta pprovajna nimxu bil-Kostituzzjoni kif inhi u jekk hemm bżonn nirranġawhom dawn l-aspetti, nirranġawhom mingħajr biża' ta' ħadd u għall-ġid tal-poplu Malti.

(għall-paġna 11)

Allura issa min hu Nisrani u jaf li saret dik id-dikjarazzjoni sena u nofs ilu kif jibqa' jgħid u jkompli jitqarben: "jiena għandi suspett li sar it-tbagħbis" u jmur barra minn Malta u jrid dan iħammrilna wiċċna ma' kulħadd għax igħid li aħna għamilna l-jerrymandering? Jien ngħidlu: "Inti giddieb, taf li int giddieb, tibqa' tgħid l-istess, allavolja n-nies tiegħek stess jagħtuk il-provi li dan mhux veru. Bil-ġurament".

U inti trid tgħajjarna bil-jerrymandering lilna?! Intom bil-miftuħ għamiltuh fl-1971 il-jerrymandering. Għax intom la l-Kummissjoni għamlet rapport lanqas ippublikajtuh, imbagħad armejtu dak ir-rapport, qanfastu d-distretti kif ridtu intom u ġejtu hawn fil-Parlament u għidtu: "Il-Parlament jikkmanda, dan irridu ma jimpurtaniex. Jerrymandering iktar minn hekk kif jista' jsir? Inti għandek raġun taħseb li aħna nagħmlu hekk għax inti mdorri hekk. Allura taħseb hekk. Inti tlajt minn dik l-iskola u taħseb hekk. Bħalma inti taħseb li aħna rridu nagħmlu d-dittatura. Aħna lilek erfajnik minn rasek meta inti ħriġt minn dan il-Parlament. Stajna ħallejnik barra, stajna għidna: "Id-demokrazija hawnhekk ma taħdimx", stajna lilek ħallejtek issaffar, stajna ħallejna joqogħdu jitmejlu bik l-oħrajn ta' l-Ewropa li tawk il-miljuni, imbagħad ġie kollox f'xejn, u kont tibqa' barra issa u lanqas kont tinstema' llum. U minflok irringrazzjajtna llum, x'ġejt tgħid int? Ġejt tgħid li aħna mhux veru dittatura issa, aħna qegħdin innaqqruha d-demokrazija. Mela d-demokrazija xi biċċa cake, noqgħod innaqqar tikka tikka? Din x'inhi din? Jew għandna demokrazija, jew m'għandniex! Il-fatt li għandna demokrazija hi l-prova ta' llejla fejn inti se titkellem u se tirrispondi lili. Qum irrispondi.

---

**Wara li tkellem il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, l-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff wieġeb għal dan id-diskors:**

Dr Eddie Fenech Adami għadu kemm qal, ftit minuti ilu, li Maurice Pace, qed jiftaħar li hu se jerġa' jiftaħ il-karti u ma jiftaħx il-karti u ħafna minn dawn l-affarijiet, mill-Electoral Office. Dan il-bniedem ilu nieqes minn Kastilja u ilu jaħdem fuq ir-Radju Mediterran iktar minn sena. Lanqas hemm għalfejn nistaqsih jien jekk qalx hekk jew le, dan. Għax min wassalhielu din il-ħrafa lil dak, seta' qallu: "Isma', dan m'hu xejn, m'għandux x'jaqsam ma' l-Electoral Office, xejn". Iktar giddieb minn hekk ma tistax tkun fid-dinja! Ma tistax tkun! Hawn ġo wiċċna! Dan jista' jivverifikah kulħadd li Maurice Pace ilu iktar minn sena maqtugħ, ħafna iktar minn sena, maqtugħ mill-Electoral Office. M'għandu x'jaqsam xejn ma' l-Electoral Office u jaħdem fir-Radju Mediterran.

Dan f'wiċċna, dan il-gideb! Waħda wara l-oħra!

Bħall-gideb l-ieħor: Għax kien hemm żewġ imħallfin, dehrilhom jaqtgħu sentenza "hekk", allura qal li aħna kuljum nabbużaw u mmorru kontra d-drittijiet tal-bniedem. Għax fit-13-il sena semma żewġ każi bħal dawn, allura qishom qed jiġru kuljum. Giddieb iktar minn hekk kif tista' tkun?

F'wiċċna, hawn! Qed igħid quddiem il-poplu Malti kollu li fuq it-television pappagalli tal-Gvern ikun hemm, u issa qed jidher hu. Lanqas jistħi jgħid li hu pappagall! Qed jidher hu quddiem il-poplu Malti kollu u qed igħid: "Aħna mhux se nidħku bil-poplu Malti b'hekk għax dan ma jfissirx bilanċ". Jien ngħidlu: "Intom biex tridu tiftaħru? Aħna ngħidulkom id-demokrazija hija meta tipprattikaha mhux meta tippriedkaha." Meta kontu fil-Gvern qatt tajtuna intom illi minn dan il-Parlament nidhru xi darba fuq it-television? Qatt tajtuna? Ja ipokriti.

Qed taħsbu li m'hawnx Maltin li għandhom iktar minn 30 sena u ma jafux x'kien jiġri 13-il sena ilu. Ma jafux dan?

Din bħal din l-emenda li hawn quddiemna li aħna tajnik biex toqgħod tistudjaha u inti qgħadt toqgħod tagħmel l-istorbju għax mhix qegħda f'xi reġistru.

Mhux għalhekk aħna nieħdu gost li jarak issa l-poplu hawnhekk quddiemna, u mhux mort Sqallija tistaħba u tgħajjarna dittaturi u mbagħad tiġi hawn tibża' tgħidu dan il-kliem! Tibża' tgħidu dan il-kliem għax taf li mhux veru!

Issa xgħidt illum iktar? Għidtli inti, għax aċċettajt li tiggverna f'pajjiżna, int, allura li taf, li kellkom voti iktar .... u naf kif ġibtuhom. Mhux imbilli tgħidli li l-flus ma tawkomx. Naf, u żgur li għandna, għandna l-provi li tawhomlkom l-organizzazzjoni Ġermaniża. — X'jisimhom dawk li għal taparsi demokratiċi? — L-Adenauer, qalulna nkomplu nagħtuhom għax hekk irridu u għidnielhom: Ipprovaw u tara x'nagħmlulkom. U qatgħulkom il-vit. Għalhekk għandna l-provi, u biex tara kemm inti giddieb. Huma stess qalulna tawkom. Mhux dawk biss! Le!

Qed tara! Issa mhux ma tawk xejn, issa tawk ukoll. Ara kemm int giddieb.

**"Aħna ngħidulkom, id-demokrazija hija meta tipprattikaha, mhux meta tippriedkaha."**

> **"Ejja ngħidu s-sewwa hawn u ngħiduh bir-responsabbiltà tagħna għax aħna qed nirrapreżentaw lill-poplu u r-responsabbiltà hija fuqna."**

X'ġejt tipparaguna inti? Aħna fl-1961 lilkom konna qegħdin niġġieldu? Aħna konna qegħdin niġġieldu lill-Imperu Ingliż li b'wiċċna bil-miftuħ, konna mmorru nagħmluha bil-miftuħ kullimkien, u kull min kien kontra l-Gvern Ingliż kien jagħtina l-għajnuna biex intajruhom minn hawn. U proud li għamilniha din għax tellaqnihom minn hawn. U inti dak inhar kont mistoħbi, kont tibża', ma tidher imkien, inti u sħabek għax kontu tibżgħu mill-Ingliżi.

Mela kull darba tiġi ddeffes hawn Papiet u mbarazz.... Ejja ngħidu s-sewwa hawn u ngħiduh bir-responsabbiltà tagħna, għax aħna qed nirrappreżentaw lill-poplu u r-responsabbiltà fuqna u ma nistaħbewx, la wara Papa.... u lanqas wara San Tumas. U jitqies dan fil-Knisja bħala l-aktar pilastru konservattiv li ma riedx tibdil.... Kieku semmejt lil San Franġisk nibda nemmnek xi ħaġa fuq il-proprjetà. Int lil San Tumas semmejt!

Mhux se nibżgħu ngħiduhom dawn l-affarijiet jekk mingħalik se tbeżżagħna inti għax semmejt lil San Tumas insemmulek lil San Franġisk. Insemmulek lil San Franġisk u npoġġuhom ħdejn xulxin dawn insibu wieħed abjad u l-ieħor iswed. Aħna ma' l-abjad, ma' San Franġisk.

Hawn m'hawnx Papiet. Hawn il-poplu, l-interessi tal-poplu u dak li hu sewwa.

Ejja nneħħu l-ipokresija hawn ġew! Ejja nikinsu daqsxejn din l-ipokresija li għandkom fuqkom. Din li mingħalikom qed titmejjlu bil-poplu mhux se titmejjlu bih aktar. Aħna qegħdin ngħidu li jekk fil-Kostituzzjoni kien hemm xi ħaġa li biha xi ħadd jista' jaqbad u jgħid: "Dawn il-privileġġi għadhom tagħna", dik trid titneħħa għax aħna m'għadna nagħtu privileġġi lil ħadd u dan li qegħdin ngħidu. U ċar qed ngħiduh!

Intom tmorru l-Qorti, l-avukati kollha jmorru hemmhekk u jgħidu għax fil-Kostituzzjoni hemm li r-Reliġjon ta' Malta hija r-reliġjon Kattolika Appostolika allura dawn għandhom privileġġ għax kieku ma tkunx hemm. Imma jien ngħidilhom mela ħalli ma tkunx hemm għax dawn m'għandhomx privileġġi! Għax il-poplu ma jridx jagħtihom il-privileġġi. Kieku ma tellagħnix lilna għal tliet darbiet darba wara l-oħra.

Issa mbagħad jekk niftehmux aħna, bħalma ftehmu l-Italja, sħabkom id-Demokratiċi Kristjani, li nagħmlu konkordat bħal tagħhom jew aħjar minn tagħhom, dak jiddependi mill-Vatikan. Jekk ma jridux, affari tagħhom! Aħna ma nistgħux inġegħlu lill-Vatikan jagħmel konkordat bil-fors. Aħna qed ngħidulhom lill-Vatikan: "jekk tridu li jkun hemm relazzjonijiet tajbin bejnietna tridu tagħmlu konkordat, jekk ma tridux xorta aħna għandna d-dmir li mmexxu dan il-pajjiż, affari tagħna." Imma jekk iridu jagħmlu konkordat aħna se ngħidu ċar, se ngħidu minn issa li l-konkordat irid ikun almenu tajjeb daqs ta' l-Italja mal-Vatikan. Almenu! Jekk nistgħu nagħmluh aħjar, nagħmluh aħjar! Issa naħseb li fuq dan ċar jien u ma għandniex għalfejn indaħħlu lil San Tumasi u San Franġiski....

Aħna nafu x'għamel il-Papa! Meta morna quddiemu l-ewwel kellimni fuq affarijiet li m'għandhomx x'jaqsmu ma' Malta xejn, lanqas kien jaf fejn kienet Malta u mbagħad qara l-ittra, telaq jiġri 'l barra u lanqas ħallini nirrispondi xejn. Dak li għamel il-Papa.

Issa ħalli nkompli aktar.

Aħna mhux lesti biex nagħmlu l-ebda ftehim fuq Kostituzzjoni jekk intom mhux se tagħtu prova li intom veru demokratiċi.

Għax s'issa l-provi kollha li tajt int juru li m'intix demokratiku. Għadek s'issa inti tgħid li għax jiena aċċettajt li niggverna jien m'inhix demokratiku.

X'ridtni nagħmel? Ngħid lill-poplu Malti dak li ridt tagħmel int. L-ewwelnett inti mort għand il-President u ma għidtlux: "Isma għajjat lil Mintoff għax hekk tgħid il-Kostituzzjoni." Int għidtlu: "Tgħajjatlu xejn għax jekk tgħajjatlu se jinqala' l-inkwiet fil-pajjiż". Għax lili qalli — issa mejjet — "ġew jhedduni". U nemmnu.

U ċempilli, għidtlu: "Ħallihom dawk". Għidtlu: "Dawk taf kemm għandhom saħħa? Daqskemm igħajjtu fit-triq biss." U se ngħidlek ukoll. Inti semmejt tal-bombi li għamlu fil-Headquarters; ħa ngħid lill-poplu jien li dawn kienu bombi li ma ħadux, għax għamiltuhom intom stess biex żgur ma jwaħħlux fikom. U aħna fikom għadna nwaħħlu. U mindu waħħalna fikom inqatgħu l-bombi!

Issa ħalli ngħidlek iktar. Issa inti meta ġejna fil-Parlament trid twaqqa' għaż-żufjett il-fatt li aħna mhux biss sibnilkom l-armi fil-Headquarters, sibnielkom, il-molotov cocktails! Mhux is-sentrijiet biss maqtugħin. Min ikollu senter qadim iżommu rikordju mhux jaqtagħlu biċċa biex jista' jużah bħala arma għall-qtil, kif għamiltu intom, u għidtu ma kien hemm

l-ieħor jixtieq li jilħaq hu, imma li jiġi hawn u jgħid il-gideb fuqna u jaħrab jiġri 'l barra u n-nies tagħna għax ġej minn barra jaħsbu li dan serju u ma jaħsbux li dan xejn m'hu ħlief bniedem li meta tiċċalinġjah issib li jibża' minn dellu, jaħrab . . . U lejliet l-elezzjoni dan li ġara! Dan m'għandux isir, imkien ma jsir!

Aħna kellna qabel l-elezzjoni min ġie hawn Malta u qal li hawnhekk għandna d-dittatura! Qalilna f'wiċċna li għandna d-dittatura. Għallinqas, il-bieraħ, staħa l-Kap ta' l-Oppożizzjoni jgħid li aħna għandna dittatura. Anzi qal: "Jien qatt m'għidt li aħna għandna d-dittatura. U mhux veru din, gidba din. Qatt ma għidt," qal. Għax issa ġejna wiċċ imb wiċċ mal-poplu tagħna. Meta niġu wiċċ imb wiċċ differenti. Qal: "Qatt ma għidt." Jien ngħid mhux hu biss qal, imma ġiegħel lil ħaddieħor jiġi hawn Malta minn dawk il-ħbieb tiegħu u jgħidu hekk u jaħarbu. Imma dan mhux biżżejjed. Kieku ġie u għamlu hekk biss dawn, ma jimpurtax. Kienet tgħaddi, għax mhix xi ħaġa kbira din. Imma x'ġara? X'sibna aħna? Sibna li dawn għal żmien twil kien ilhom li ppjanaw xi sena u nofs qabel l-elezzjoni — il-Partit Nazzjonalista — kellu ftehim mal-Partit Demokristjan Taljan, mal-Partit Demokristjan Tedesk, mal-Partit ta' Strauss tal-Bavaria wkoll, li dawn flimkien ħarġu kwantità immensa ta' flus — u mhux billi jgħidulna: "Ih! Miljuni." Miljuni, iva! Ngħid jien lill-poplu tagħna biex ikun jaf kemm huma kbar il-miljuni, ħalli lin-naħa l-oħra jarmawhom u jkissru l-Partit Soċjalista f'Malta. U jkissruh għax din in-nemla, dan il-Partit Soċjalista f'Malta, qegħda f'pożizzjoni li hija ferm importanti fil-Mediterran.

**Din l-importanza tagħna. Għalhekk dawn intefgħu kollha fuq din in-nemla. Għax qalu: Kif din in-nemla f'dan il-Mediterran qed taqleb dan il-Mediterran kollu u dan il-Mediterran li qabel kien ħaġa waħda ta' l-Ingliżi, issa f'daqqa waħda se jsir tal-poplu Mediterran.** Dawn qalu: Aħna ma rridux hekk, aħna n-NATO rridu. Aħna rridu li l-Partit Nazzjonalista issa nagħtuh l-flus, nagħtuh kollox imbagħad wara jsir tagħna. Għax kieku dawn għalihom jekk terz ta' miljun ġewwa din l-Ewropa kbira, jibqa' newtrali, din se tagħmlilhom din id-differenza? Kien hemm għalfejn dawn jibnu television għal tapposta ġewwa Sqallija — għal tapposta, — bl-equipment kollu? Stazzjon tar-radio sħiħ, jagħtuhom il-flus biex imexxuha għal xhur sħaħ u anke mbagħad għal snin sħaħ ta' wara l-elezzjoni? Min jagħti dan il-volum kollu ta' flus jekk ma jkollux interess kbir? Jien mhux hekk nafhom dawn in-nies. Jien nafhom dawn in-nies xħaħ ta' l-għaġeb u jekk ma jkollux xi ħaġa x'jieħu lura, żgur li m'hu se jonfoq xejn. **Mela dan kien hemm indħil kbir. Meta tiġi biex titkellem fuq elezzjonijiet ħielsa u tbagħbis, l-ewwel tkellem fuq dan it-tbagħbis kbir sostanzjali, immens.**

Jien ngħid lill-poplu ta' Malta li kien miraklu kif aħna poplu żgħir bħal dan konna kapaċi fl-ewwel elezzjoni ta' wara l-ħelsein tagħna, ta' l-1979, nilqgħu din l-offensiva kbira li ġiet mingħand il-Gvern Amerikan, bir-rappreżentanti tiegħu hawn. Huma stess jammettu dawn li fl-aħħar elezzjoni ssajdjaw mal-Partit Nazzjonalista. Issajdjaw mal-Partit Nazzjonalista bl-organizzazzjonijiet konservattivi li għandhom ġewwa l-Amerika. Mid-Demokristjani tal-Ġermanja, l-ikbar partit li hemm fil-Ġermanja, mill-ikbar partit li hemm fl-Italja u mill-ikbar partit li hemm fil-Bavaria u mill-Partit Konservattiv ġewwa l-Ingilterra.

> **"Għandna l-provi kollha li kien hemm indħil immens fl-elezzjoni li għaddiet."**

Issa x'għamlu wkoll in-Nazzjonalisti? Qabel dan sabu x-xoqqa f'moxtha meta aħna — biex aħna niddefendu l-interessi tal-poplu Malti — ma qbilnix mal-Libja dwar kif għandu jinqasam il-baħar u sostnejna li dan għandu jsir kif qed isir mill-Qorti Internazzjonali. Sabu dik ix-xoqqa f'moxtha u x'għamlu? Marru jiġru ġewwa l-Libja . . . u qalulhom: "Aħna ħbieb tagħkon ukoll u ħaġa waħda magħkom, tikkonfondu xejn." Issa dan kif tista' tkun int lil naħa waħda twegħdu li se ssir parti mill-Ewropa u lin-naħa l-oħra twegħdu li inti ħaġa waħda miegħu, il-Bambin jaf. Imma dawn kienu jaslu biex iwegħdu kollox imbasta jaħtfu l-poter f'idejhom. Mela aħna għandna d-dokumenti kollha, għandna l-provi kollha li kien hemm indħil immens fl-elezzjoni li għaddiet. Imbagħad il-kwantità immensa ta' flus li ntefgħu hawn Malta biex il-Partit Nazzjonalista organizza tal-ġakketti blu kullimkien . . . U kulħadd jitħallas bil-flus, jekk jogħġbok, dan ħadd ma hu voluntier, kollha flus kbar . . . Illum waħda mit-troubles kbar li għandu l-Partit Nazzjonalista ġo fih hija għax min ma tħallasx qed igħid: "Mela jien bagħal! Dan kulħadd jitħallas u jien m'hu se nieħu xejn!" qed igħidu dawn. U għandhom raġun. Għax imbagħad hekk jiġri, nibdew niġġieldu min jitħallas l-iktar.

Dak iż-żmien, mela, kien hawn dawn il-miljuni kollha, kien hawn dak l-indħil kollu, kien hawn pressjoni minn tagħhom kullimkien (— issa dan qabel ma kien hemm ir-riżultat ta' l-elezzjoni) — illi aħna għandna dittatura f'Malta, illi aħna għandna l-faxxiżmu f'Malta.

ma jkomplix bil-preferenza tiegħu u jista' allura numru kbir tal-voti tal-'first count' jintilfu qabel ma jispiċċa l-għadd tal-voti tad-distrett u dak ifisser li partit li jkollu numru kbir ta' 'first count' jista' fil-fatt jitlifhom sakemm jasal il-'last count' tad-distrett. B'hekk wieħed jara li din is-sistema tagħna tagħti lok għal dawn id-differenzi bejn ir-riżultati finali u dak li wieħed jippretendi meta jgħid li s-sistema proporzjonali għandu bilfors jirrifletti fil-Parlament eżatt bin-numru ta' voti li l-Partit iġib fl-elezzjoni.

**L-Oppożizzjoni għandha tkun sinċiera u tgħid lill-poplu illi s-sistema tagħna li hu ta' 'proportional representation' ma jfisser xejn aktar ħlief li f'kull distrett il-kandidati, id-deputati jitilgħu a bażi tal-'proportional representation' u mhux fil-pajjiż kollu. Il-'proportional representation' bilfors trid torbotha ma' distrett u mhux mal-pajjiż kollu. U dan l-Oppożizzjoni tafu imma l-Oppożizzjoni ilha taħbih mill-poplu għal sentejn u nofs mir-riżultat ta' l-aħħar elezzjoni.**

Issa l-Oppożizzjoni fit-taħditiet informali li kellna s-sena l-oħra pproponiet xi tibdil fil-liġijiet elettorali. It-tibdil li pproponiet kienu jikkonsistu f'dan: Il-kwota ma tibqax tinħadem għal kull distrett imma jkun hemm kwota waħda għall-pajjiż kollu. Il-kwota tiġi kkalkolata billi taqsam in- numru ta' voti validi bin-numru ta' Deputati li għandhom jitilgħu fil-Parlament b'mod li jekk il-Parlament għandhu 65 Deputat, taqsam in-numru ta' voti validi bin-numru 65 u tara x'inhi l-kwota nazzjonali u mbagħad tara li f'kull distrett dawk il-kandidati li jilħqu dik il-kwota jiġu eletti; dawk il-kanditati li ma jilħqux dik il-kwota ma jiġux eletti; il-'counts' jibqgħu jsiru sa l-aħħar b'mod li meta jispiċċaw il-'counts' wieħed jara x'inhu n-numru ta' voti li jibqagħlu l-aħħar kandidat tal-partit u dawk il-voti li jibqgħu, kull distrett, dawk tgħoddhom u terġa' taqsam it-total ta' dawk il-voti li baqgħu minn kull distrett, għal kull partit bil-kwota nazzjonali u talloka, tagħti, lil kull partit in-numru ta' siġġijiet skond ma jirriżulta meta tagħmel din id-diviżjoni.

Mela dan ifisser illi jekk il-'counts' iridu jitkomplew f'kull distrett, billi aħna għandna t-'transferable vote' li jista' minn partit tgħaddi għal kandidat ta' partit ieħor, l-aħħar kandidat f'kull distrett jista jiret numru ta' voti mingħand il-partit l-ieħor jew partiti oħra. U allura meta jitqassmu is-siġġijiet wara li ssir id-diviżjoni tat-totali tal-voti ta' kull distrett biex jaraw kemm għandhom jingħataw siġġijiet oħra lill-partiti, il-partiti se jgawdu minn voti li fil-'first count' ma kenux tagħhom, kienu tal-partit l-ieħor. U b'hekk ir-riżultat finali jiżvija u jaqleb, jew jista' jiżvija u jaqleb dak li kien il-'first count' fl-elezzjoni.

Imma l-parti l-oħra lanqas issa ma trid tifhem illi meta wieħed jinsisti illi r-riżultat trid tieħdu fuq dak li jgħid il-'first count' dan ikun skorrett u żbaljat li tagħmel dan għax bis-sistema tagħna ma jiswiex il-'first count', imma l-aħħar 'count' li jiswa' u mhux il-'first count'.

Imbagħad trid tkun loġiku u tgħid li jekk l-aħħar 'count' li jiswa' u mhux il-'first count', dan ifisser allura illi la darba l-'last count' ikollok voti jew jista' jkollok voti minn tal-partit l-ieħor ma tistax tgħid il-'last count' lilek jagħtik maġġoranza tal-voti.

**U dan għandu wkoll iwasslek għall-konklużjoni illi bis-sistema tagħna r-riżultat jiddependi min-numru ta' deputati, mill-maġġoranza tad-deputati u mhux il-maġġoranza tal-voti, la fil-'first count' u lanqas fl-aħħar 'count'. Din hija l-konklużjoni loġika li wieħed għandu jasal għaliha jekk wieħed irid tassew jifhem u jifli s-sistema elettorali li aħna għandna u li ilna nħaddmu mill-1921.**

Issa din il-proposta li għamlu l-Partit Nazzjonalista waqt it-taħditiet is-sena l-oħra tfisser wkoll illi jekk ikun hawn f'pajjiżna aktar minn żewġ partiti u għalhekk fl-emenda għidna illi jrid jinstab sistema demokratiku illi ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jifformaw partiti kbar jew żgħar, dan is-sistema li pproponew, jekk ikollna elezzjoni bl-istess numru ta' votanti li kellna fl-aħħar elezzjoni, u jkun hemm partit illi ma jirnexxilux iġib il-kwota, dik li huma ħadmu billi jiddividu l-voti kollha validi bin-numru ta' deputati, jista' jagħti l-każ illi partit iġib madwar 40,000 vot f'Malta kollha u Għawdex u xorta waħda ma jirnexxilux ikollu deputat wieħed fil-Parlament. Din hija l-proposta illi l-partit ta' l-Oppożizzjoni ppropona biex isir dan. U l-kritika li qed jagħmel il-Kap ta' l-Oppożizzjoni u sħabu issa juru illi lanqas irriflettew, lanqas fehmu dak li huma pproponew. U ladarba qegħdin ngħidu li dik il-proposta li għandi quddiemi ma twassalnix għal dik il-konklużjoni, jiena se nistedinhom jagħmlu somma sempliċi.

Skond il-kalkoli tagħhom stess — jiġifieri f'paġna 4 tad-dokument li kienu tawna — il-kwota — skond kif qed jipproponu li għandha tinħadem — kienet tkun ta' 3,448. Mela, jekk partit iġib 3,000 vot kull distrett, jew inqas minn 3,448 — imma bħala eżempju nieħdu 3,000 vot kull distrett — dan il-partit fil-fatt ikollu ċ-ċans li ħaddieħor iġib aktar voti u hu jitla' f'dak id-distrett. Għaliex? Għax ladarba n-numru ta' voti f'distrett jista' jkun ikbar min-numru ta' voti f'distrett ieħor, jista' jagħti l-każ li l-kwota f'distrett fejn in-numru ta' voti jkun ikbar mill-'average' tkun iktar minn 3,448 u allura l-partit li jkun ġab in-numru ta' voti aktar milli ġab il-partit żgħir f'dak id-distrett jista' jtalla' d-deputati kollha minn dak id-distrett. Jibqa' l-fatt illi ladarba mhux neċessarjament illi bis-sistema li pproponew n-numru ta' deputati li jiġu magħ-

(minn Paġna 4)

Issa jiena ċert li bil-kliem, meta niġu biex niflu, hekk igħidu n-naħa l-oħra. Meta naslu għall-fatti jaħdmu kontra. Issa qed ngħidu wkoll li aħna rridu, biex jinqata' dan il-kliem fieragħ li sar s'issa — kemm ilna aħna fil-Gvern — li meta niġu għall-kummissjonijiet li suppost qegħdin hemmhekk biex iħarsu l-libertà ta' kulħadd, per eżempju, il-Public Service Commission biex tħares il-libertà ta' min ikun impjegat mal-Gvern u fl-istess ħin tara li jaqdi dmiru, per eżempju l-Broadcasting Authority li aħna mhux bħal pajjiżi oħra, qed ngħidu: Il-broadcasting għandu jkun ta' kulħadd, ta' kull min irid, jiġi Ċikku minn barra u f'daqqa waħda jagħmlilna stazzjon kbir ġewwa Malta u jgħidilna: "Jien kollox issa għax jien ninstema' biss, tiegħi iktar b'saħħtu u intkom m'għandkom xejn," . . . Ma nemmnux b'dak aħna. Jekk in-naħa l-oħra taħseb li aħna se naqblu ma' dan, aħna ma naqblux. Dawn huma liġijiet tas-slavaġ u mhux tan-nies progressivi u ma' dan ma naqblux. Mela aħna naqblu li l-broadcasting għandu jkun xi ħaġa li tikkmandaha l-kollettività u din il-kollettività għandha tagħti n-nifs biex jinstema' kulħadd. Fuq dan naqblu. U għalhekk aħna ma ħadnikomx bis-serjetà lilkom meta ridtu, għax tawkom il-flus it-Taljani u l-Ġermaniżi u l-oħrajn, tagħmlulna l-applikazzjoni biex f'daqqa waħda tagħmlu l-akbar stazzjon f'Malta. Lanqas illum ma neħdukom bis-serjetà għax nemmnu li f'dak li huwa broadcasting, television u affarijiet oħrajn, din hija xi ħaġa li għandha tikkmandaha l-kommunità għax din hija xi ħaġa serjissima. Illum din hija l-ħaġa li tikkmanda l-bibien għall-imħuħ tal-bnedmin u ma rridux aħna li l-imħuħ tal-poplu tagħna jerġa' jiġi bħalma kien fl-imgħoddi fuq xi biċċa 'rediffusion' ikkmandata mill-Ingilterra jew minn xi post ieħor, anke mis-satelliti. Aħna jekk isir bis-satelliti

**"Jien meta nagħmel l-affarijiet nagħmilhom għall-ġid tan-nazzjon u qatt ma għamilthom għalija personali."**

għada dan, aħna se nikkumbattuh u ma rridu nkunu lsiera ta' ħadd, la ta' dak, la ta' l-ieħor, il-poplu tagħna jrid ikun ħieles. Aħseb u ara kemm irridu mbagħad li jkun ta' persuna waħda f'Malta waħedha. Mela qegħdin ngħidu li lill-President għandna nagħtuh dawn is-setgħat ġodda ta' dawk l-affarijiet li dejjem kienu hekk fil-Kostituzzjoni li kellna, u din id-darba l-Oppożizzjoni opponiethom għax qegħdin f'idejna. U aħna lesti dan, minn jeddna, biex nuru kemm aħna demokratiċi li dawn ngħadduhom lill-President, naturalment, irid jisma' mbagħad il-parir tal-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni. U b'hekk inkunu almenu qtajnihom li ma jkunux direttament f'min ikollu l-iktar parti attiva biex imexxi lill-Gvern. U din mhix xi ħaġa ġdida. Il-bieraħ semma' xi ħaġa simili l-ħabib tiegħi meta semma' waħda mill-emendi li kellna għall-Kostituzzjoni fl-1963. Issa meta qed jiġu mingħandna x'qed jiġrilna aħna? Qed ikollna ħafna kliem moqżież, banali, tat-tfal iż-żgħar u jsiru azzjonijiet li jien li qed nitkellem issa għall-partit kollu hawnhekk, li qed nitkellem għall-Moviment Soċjalista, qed nagħmel dawn is-suġġerimenti għax irrid insir President jien. Jien mhux vavu daqshekk. Mhux vavu daqshekk.

Jien meta nagħmel l-affarijiet, nagħmilhom għall-ġid tan-nazzjon u qatt ma għamilthom għalija personali. U tista' tibqa' ċerta l-Oppożizzjoni, jista' jibqa' ċert il-poplu kollu, jiena għall-President li hemm mhux rispett biss għandi, imħabba wkoll għax aħna ġġelidna flimkien spalla ma' spalla u dawk għalina jorbtuna flimkien aktar milli kieku twelidna mill-istess omm u mill-istess missier. Aħwa aħna, aħwa! U b'xejn ma jista' jinqasam dan, dik il-bond li għandna bejnietna. Għalhekk jiena b'wiċċi minn quddiem ngħidhom dawn u ma nibżax li jkun hemm xi ħadd għax ikun marid minn moħħu — (u qed jien nirreferixxi għall-Kap ta' l-Oppożizzjoni) — li jaħseb li jien qed inlesti t-triq għalija.

Issa mbagħad qegħdin ngħidu aħna li aħna lesti biex nagħmlu emendi oħrajn, u tajjeb issa li nitkellmu fuq l-emendi oħrajn. L-ewwel li rrid ngħid li dawn li semmejt fihom sustanza aktar minn dan li ġej. Għax l-ewwel ma trid tassigura inti li l-poplu tiegħek qiegħed jagħżel fil-libertà, fil-ħelsien lil min irid. U jekk ma nagħmlux dan mhux se jkollna ħelsien sħiħ, se nerġgħu ngħaddu mill-perikoli kollha li għaddejna fl-1981. U tgħaddi darba għax ma tkunx taf jaħfirlek kulħadd imma tgħaddi t-tieni darba ma jaħfirlek ħadd għax igħid: "Dak injorant mar u fittixhom hu, allura."

Issa mela niġi għat-tieni parti. It-tieni parti hija illi l-poplu tagħna jagħmel minn kollox, jagħżel l-aħjar sistema li bih ikun ċert, jew jipprova li l-maġġoranza tal-voti jkollha riflessjoni fin-numri tal-Membri tal-Parlament.

U jien nixtieq ngħid hawn kemm kien hemm ipokrezija f'dawn l-aħħar sentejn u nofs li waqt li lili kienu jattakkawni li jien kont Kap ta' Gvern li għamel it-

tbagħbis, fl-istess ħin kienu qed jattakkawni li waqt li kont qed nagħmel dak it-tbagħbis kont qed nagħmel dikjarazzjonijiet li bihom jistgħu jgħajruni wara.

Illum dawn qed jattakkawni għax jaqraw partijiet mid-dikjarazzjonijiet li għamilt jien u li nagħmel sa llum u nibqa' fuqhom sa llum, fejn għidt li jekk il-maġġoranza ma tkunx warajja jien mhux lest biex immexxi dan il-pajjiż.

Il-bieraħ kien hawn debate sħiħ kif tiġi definita l-maġġoranza. Aħna rajna s-sistemi tal-pajjiżi l-kbar li ilhom bis-sistema tagħna mijiet ta' snin u mhux il-bieraħ, rajna illi f'dawn il-pajjiżi wkoll il-maġġoranza tas-siġġijiet m'hijiex tirrifletti eżattament il-voti li jkun hemm fil-pajjiż.

Il-bieraħ sieħbi ħela ħafna żmien, biex juri lill-pajjiż li l-Amerika, u l-Ingilterra — fejn twieled dan is-sistema parlamentari, — minn dawn kellhom kwantità ta' eżempji fejn wieħed ma jkollux il-maġġoranza u jitla' jiggverna hu.

**Għalija il-maġġoranza hija l-maġġoranza tas-siġġijiet, il-maġġoranza li ftehimna jiena u hu, li ftehemet dik in-naħa tal-Parlament ma' din in-naħa tal-Parlament meta tfasslet il-Kostituzzjoni fl-1974.**

Mela jiena li naf illi jekk dan il-pajjiż jibqa' mingħajr gvern x'se jiġrilu l-poplu tagħna u t-taħwid li kien se jkun hawn, u l-għawġ u t-tbatija li jgħaddi ż-żgħir (mhux is-sinjur), li jgħaddi ż-żgħir, qatt ma kont se naċċetta li jkun hawn kaos f'pajjiżna, wara li aħna tbażwarna, ħlejna ħajjitna, ħlejna kulma għandna, saħħitna kollha biex dan il-pajjiż nirranġawh!

Kieku jiena kont naf li se niġu f'din il-pożizzjoni, kieku kont ngħidha l-kelma siġġijiet. Imma jiena la ma bagħbastx, ma stajtx inkun naf! Kieku bagħbast, kont noqgħod attent u din kienet toħroġ din il-kelma "siġġijiet". Intelligenti biżżejjed li npoġġi din ħalli inti ma tistax taqbad magħna! Imma jiena, bħalma jafu l-awturi kollha li inti l-bieraħ ikkwotajt u ma għidx li din il-mara ta' dak li kkwotajt, qalet li dan .... (ir-riżultat) kien ċikka. Saret f'Malta biss, f'60 sena. U inti li kull darba tgħid għax f'pajjiżi oħra qatt ma saret. Pajjiżi oħra liema huma li għandhom il-proportional representation bħal tagħna? Liema huma? M'għandek xejn raġun! Tigdeb għal tapposta u taf li tkun qed tigdeb għax inti ma tgħidx "aħna speċjali", tgħid "band'oħra m'hawnx". Allura inti kieku kont onest, tgħid: Din speċjali, aħna ftit hawn bħalna. Allura kif se tiġri band'oħra jekk ftit hawn bħalna? Meta tgħid: Din qatt ma ġrat band'oħra, il-poplu tagħna li ma jafx li din speċjali, jaħseb li aħna bagħbasna. Jaħseb iktar, għax inti gdibt il-bieraħ erġajt. Il-bieraħ inti, l-ewwelnett qrajt x'qalet dik il-mara u ma qrajtx li dik il-mara qalet:

> "... charges that the 1981 result was due to deliberate jerrymandering ....".

— din m'għidthix inti —

> ".... it may have been, but it could also have happened by pure accident ....".

> "Il-Maġġoranza hija l-maġġoranza tas-siġġijiet, il-maġġoranza li ftehmna jien u hu meta tfasslet il-Kostituzzjoni fl-1974."

Mela din qed tgħid li jista' jkun li għamlu jerrymandering imma qalet ukoll li s-sistema kif inhu, tista' tiġi anke 'by accident'. Issa nkompli ħalli naraw kemm inti onest. Inti taf daqsi għax bagħtuhielek mill-Ingilterra wkoll, li barra dak il-ktieb, l-Ingliżi ħarġu ktieb ieħor miktub mingħand professur Ingliż li speċjalizza bl-akkademja kollha tiegħu, fuq dawn is-sistemi. X'qal dan? Qed jitkellem fuq ir-riżultat ta' Malta.

> "This perverse result seems to have occurred not through the jerrymandering of ...."

— għal Malta qiegħed igħid dan. "mhux minħabba l-jerrymandering, imma ġara għax il-voti mogħtija lin-Nazzjonalisti ġew moħlija meta ġew ipparagunati għall-voti mitfugħin lill-Laburisti." Mela dan, li ħareġ mill-Università ta' Oxford, ma qalx kien hemm jerrymandering, qal, ġara għalhekk. Issa x'għidt il-bieraħ inti?

L-ewwelnett għidtilna sistema li ma taħdimx. Mhux veru. Mhux proporzjonali kif qed tgħid inti. Jien naf li ħa għalih il-ħabib tiegħi Ċensu Tabone għax qal: "issa mela nagħmlu dawn l-affarijiet meta nkunu bravi" — meta tkunu demokratiċi nagħmluhom, u nasal għaliha issa din. Meta tkunu demokratiċi .... Jekk ma tkunux ma nagħmluhiex. Il-forza .... nilqgħulha bil-forza aħna, il-faxxiżmu nkissruh. U intom il-faxxisti! Mhux aħna, u nipprovalek. Inkompli. X'qal dan il-bieraħ? Qal: "jien kelli suspett" — suspett dan. Ara n-Nisrani kif Jitkellem! — "illi dawn marru jiftħu l-kaxxi tal-voti ta' l-elezzjoni l-oħra, qagħdu jarawhom triq triq biex imbagħad it-triqat poġġewhom kif jaqblu huma". U jien ngħidlu: "ja giddieb"! Inti jekk kellek suspett, tar dan is-suspett, spiċċa. Għax meta għidtu dan kellek dikjarazzjoni mill-bniedem li kien 'in charge' li joqgħod għassa biex voti ma jinfetħux bejn elezzjoni u oħra jekk ma jkunx hemm by-election.

**Fis-Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Ġunju 1984 il-Kap ta' l-Oppożizzjoni Dr E. Fenech Adami ressaq Mozzjoni fil-Parlament sabiex il-Kamra taqbel li jiġi nominat Kumitat magħżul minnha bil-għan li jkun jista' jirrakkomanda x'tibdil għandu jsir fil-Liġijiet Elettorali jew fil-Kostituzzjoni.**

**Id-Deputat Prim Ministru u Kap Suċċessur tal-Partit tal-Ħaddiema Dr Karmenu Mifsud Bonnici ippreżenta l-emenda tiegħu għal din il-Mozzjoni tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni.**

**Dan li ġej huwa siltiet mid-diskors li għamel Dr Mifsud Bonnici fil-Parlament:**



Min ma jafx l-istorja mill-aħħar elezzjoni 'l hawn u sema' llum il-Kap ta' l-Oppożizzjoni jitkellem, jikkonferma li dak li l-Kap ta' l-Oppożizzjoni jrid, huwa li jkompli jfixkel il-mixja demokratika ta' dan il-pajjiż. **Għaliex il-Kap ta' l-Oppożizzjoni llum kompla l-ġlieda li beda sentejn ilu, jiġifieri l-akkuża bla bażi li l-elezzjoni ntrebħet mill-Partit tal-Ħaddiema billi kien hemm tbagħbis fid-distretti elettorali.** Din l-akkuża hi għal kollox infondata. Ċħadniha kemm-il darba u għalxejn l-Oppożizzjoni tkompli tirrepetiha. Li kieku l-Oppożizzjoni kellha d-dehen, kellha l-umiltà u kellha s-sens ta' responsabbilità li wieħed jistenna minn Oppożizzjoni f'pajjiż demokratiku, u wara l-aħħar elezzjoni għamlet dmirha, daħlet fil-Parlament, ħadet sehem fil-Parlament u ressqet din il-mozzjoni li l-Kap ta' l-Oppożizzjoni ressaq fil-bidu ta' April, fit-2 ta' April ta' din is-sena, kieku l-poplu forsi kien jifhem li mozzjoni bħal din immedjatament wara l-aħħar elezzjoni, kienet tkun mozzjoni f'waqtha. Iżda meta l-poplu jiftakar il-ġlieda ħarxa, l-ostakoli kbar, l-oppożizzjoni bla sens li ilu jagħmel il-Partit Nazzjonalista, minn l-aħħar elezzjoni kontra l-Gvern leġittimu ta' dan il-pajjiż, allura aħna nħossu li l-poplu jifhem għaliex mozzjoni bħal din imressqa issa wara sentejn u nofs mir-riżultat ta' l-aħħar elezzjoni m'għandux il-Parlament jaqbad u jaċċetta u jivvota favur tagħha.

Nixtieq li nsemmi xi punti għaliex fiha nnifisha l-mozzjoni tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni lanqas fuq il-meritu tagħha, m'għandhiex tiġi milqugħa.

Il-Mozzjoni tgħid li r-raġuni tar-riżultat ta' l-aħħar elezzjoni huwa li l-kwota fid-distretti hija ta' one-sixth u allura dan ifisser li f'kull distrett ikun hemm numru ta' voti li jinħlew.

**Jekk dik hi r-raġuni għaliex ir-riżultat ta' l-elezzjoni fl-aħħar elezzjoni kien dak li kien, allura m'hemmx lok li wieħed igħid li kien hemm tbagħbis fid-distretti, kif qed tallega l-Oppożizzjoni.**

L-Oppożizzjoni dan tifhmu imma ma tridx tgħidu għax fost il-kotba li l-Oppożizzjoni żgur qrat, kotba li jitkellmu fuq is-sistema tal-'proportional representation', kif għandna f'pajjiżna, kulħadd jaqbel li din is-sistema tagħti lok għar-riżultat li kellna fl-aħħar elezzjoni. Tajjeb li wieħed ifiehem lill-poplu, mill-aħjar li jista' u b'mod sempliċi, għaliex dak li ġara fl-aħħar elezzjoni jista' jiġri, u, li t-teżi ta' l-Oppożizzjoni li dak il-partit li jġib l-iktar numru ta' voti fil-'first count' fl-elezzjoni għandu jkollu l-ikbar numru ta' siġġijiet fil-Parlament, dan ir-raġunament, huwa għal kollox falz.

Hawnhekk, biex il-poplu jifhem għaliex dan huwa skorrett u falz, insemmi żewġ raġunijiet. Is-sistema tagħna huwa 'single transferable vote'. Mela min jivvota għal kandidat ta' partit jista' l-preferenzi jagħtihom lil kandidat ta' partit ieħor. Dak ifisser li fil-'first count' jista partit iġib numru ta' voti li jitlifhom mal-'counts' li jiġu wara u jitilgħu kandidati ta' partit ieħor. Issa n-naħa l-oħra qegħda tgħid li l-'last count' li jgħodd u jekk allura l-'last count' li jgħodd, dan jikkonferma dak li qed ngħid.

Kulħadd jaf li min jivvota jista'

xandir għal 23 xahar sħaħ għaliex qal li Xandir Malta qiegħed jisfida l-maġġoranza tal-poplu bl-appoġġ li qed jagħti lill-Gvern li ma jgawdix il-maġġoranza, dak li ntqal mill-Partit Nazzjonalista. U xorta waħda l-Partit Nazzjonalista rrealizza li dak il-mezz, dik it-tattika, dik l-arma mhix se tirnexxilu u wara 23 xahar neħħa l-'boycott' tax-xandir.

Ma kienx biżżejjed li għamel dan. Ipprova b'rieda u b'solennita' kbira fuq il-Fosos tal-Furjana, il-kampanja ta' diżubbidjenza ċivili u reżistenza passiva. Xegħelu x-xemgħat u kienu għadhom lanqas inħlew ix-xemgħat għax f'24 siegħa din il-kampanja sfumat ukoll. Kulħadd jiftakar il-ħrafa ta' l-Imnarja ta' l-1982. Anke dik it-tattika, anke dik l-arma ntużat u ma wasslithomx. Tant li llum qegħdin jitolbu lill-Parlament li jaħtar kumitat magħżul mill-Kamra ħalli jwassalhom fejn jixtiequ jaslu. Il-Partit Nazzjonalista uża wkoll tattiki oħra li tajjeb li l-poplu jiftakar fihom.

Uża t-tattika moqżieża li f'kull okkażjoni li jkollu jmur barra minn pajjiżna u jżebblah lill-poplu Malti, s-sistema parlamentari tagħna.

**Dan sar f'kull okkażjoni li l-partit kellu mal-partiti ħbieb tiegħu barra minn pajjiżu. U ma waqafx hawn. Imma l-Partit nazzjonalista ħataf ukoll kull okkażjoni ħalli barra minn Malta jipprova jġiegħel il-partiti ħbieb tiegħu, speċjalment dawk li qegħdin fil-gvernijiet tal-pajjiżi barranin, biex jużaw l-influwenza tagħhom ħalli lil pajjiżna ma tingħatax dik il-ħbiberija, dik l-għajnuna jew dak li pajjiżna jistħoqqlu. Dan għamluh f'kull okkażjoni, għamluh f'Lisbona, għamluh f'Parigi, għamluh f'Bruxelles, f'kull okkażjoni li setgħu, biex iċaħħdu lill-poplu Malti minn dak li l-poplu Malti jistħoqqlu, minn dak li l-Gvern Malti jitlob u jiġġieled għalih mal-gvernijiet barranin.**

Dawn huma kollha t-tattiki, l-armi li ntużaw mill-Partit Nazzjonalista f'dawn l-aħħar sentejn u nofs biex iwassluhom, kif igħidu huma, għall-għan tagħhom li f'pajjiżna jkun hawn il-vera demokrazija!

Issa, wara li semmejt dawn il-ħwejjeġ kollha (u li tajjeb li l-poplu jirrifletti fuqhom u ma' jinsiex dan il-'background' kollu meta niddiskutu din il-mozzjoni tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni) — sejjer nuri kif mhux veru li f'pajjiżna m'hawnx demokrazija għaliex, kif jingħad mill-Oppożizzjoni, il-Parlament, il-Gvern m'għandux il-maġġoranza tal-voti fil-pajjiż.

Nibdew billi naraw r-riżultati ta' l-elezzjonijiet li saru f'pajjiżna biex nuri li għan-numru ta' drabi, partit fil-gvern kellu kontra tiegħu l-maġġoranza tal-voti.

Fl-1962 il-Partit Nazzjonalista ġab 42% ta' dawk li vvotaw; Deputati kellu 50% fil-Parlament. Mela filwaqt li 58% ta' dawk li vvotaw ma riedux li l-Partit Nazzjonalista jmexxi lil pajjiż, il-Partit Nazzjonalista seta' jmexxi lill-pajjiż għax skond il-Kostituzzjoni ġab 50% tad-Deputati.

**U jien m'inhix se nfakkar f'liema ċirkostanzi saru l-elezzjonijiet fl-1962. M'inhix se nfakkar għaliex nippretendi illi l-Oppożizzjoni u l-poplu kollu jistħi jfakkar f'liema ċirkostanzi saru dawk l-elezzjonijiet.**

U dan mhux qed ngħidu jien biss. Imma nfakkar lill-Oppozizzjoni li fl-1974 huma stess, il-maġġoranza tagħhom — barra sitta — aċċettaw li jivvotaw l-artikolu fil-Kostituzzjoni kontra l-'corrupt practices' u b'hekk ammettew li l-'corrupt practices' setgħu jsiru fl-elezzjonijiet qabel u fil-fatt saru għax kieku ma kenux jivvotaw favur dak il-provvediment fil-Kostituzzjoni.

Fl-1966, il-Partit Nazzjonalista ġab 47.9% tal-voti validi u ġab 56% tad-deputati fil-Parlament. Mela minn 48% ta' voti ġab 56% tad-deputati fil-Parlament. Dan ifisser li filwaqt li 52% ta' dawk li vvotaw ma riedux li l-pajjiż jitmexxa mill-Partit Nazzjonalista, il-Partit Nazzjonalista mexxa lill-pajjiż għal ħames snin sa l-1971.

Issa tajjeb li l-poplu jiftakar ukoll li fl-1964 kien sar Referendum dwar il-Kostituzzjoni. U dak inhar il-Kostituzzjoni, l-aqwa liġi tal-pajjiż, il-Partit Nazzjonalista ħass li għandu d-dritt li demokratikament jimponiha fuq 60% ta' dawk li marru jivvotaw u ma riedux dik il-Kostituzzjoni. Għaliex il-Partit Nazzjonalista dak inhar ġab biss 40% favur il-proposti tal-Kostituzzjoni li vvotaw favur tagħhom. U xorta waħda dik il-Kostituzzjoni magħmula mill-Ingliżi ġiet imposta fuq is-60% tal-poplu Malti li ma riduhix.

U l-poplu jrid jiftakar illi fl-1971 il-Partit Nazzjonalista fl-elezzjoni, f'dik l-elezzjoni, għamel l-ikbar tbagħbis li qatt seta' jsir f'pajjiżna meta għażel ħames distretti li ried, li hu jgħid għażilhom għax kellhom l-ikbar numru ta' votanti fihom. U f'dawn il-ħames distretti għażel illi n-numru ta' deputati illi jiġu magħżula minnhom ikunu sitta filwaqt li f'ħamsa oħra jkunu ħamsa. U dan it-tibdil fid-distretti sar mhux mill-Kummissjoni Elettorali. Anzi sena u tliet xhur qabel ma l-Gvern Nazzjonalista għażel li jagħmel dan, (li jsib ħames distretti jżidilhom deputat biex minnhom jintgħażlu sitta u mhux ħamsa), kien sar rapport tal-Kummissjoni Elettorali li dan ġie skartat mill-Gvern Nazzjonalista u lanqas ma ġie ppublikat u lanqas ma tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra. U sena u tliet xhur wara l-Gvern, mhux il-Kummissjoni Elettorali qabad u għamel dak it-tibdil fis-sistema elettorali tagħna u għadda dak it-tibdil għaliex il-Gvern kellu maġġoranza fil-Parlament, bla ebda raġuni ta' xejn.

**Ġara, però, illi l-kalkoli li għamlu l-Partit Nazzjonalista**

**kienu żbaljati għax is-'swing' f'dik l-elezzjoni kien kbir biżżejjed biex, minkejja dak li għamlu, dak it-tbagħbis, xorta waħda tela' fil-gvern il-Partit Laburista.**

U għalkemm in-numru ta' voti fil-'first count' li kien ġab f'dik l-elezzjoni kien akbar mill-50%, in-numru ta' voti li ġab il-Partit tal-Ħaddiema kien ħafna aktar minn 50% tal-voti dak inhar, xorta waħda l-Partit Nazzjonalista talab ir-'recount' fid-distrett ta' Ħaż-Żebbuġ għal tliet darbiet biex jispera illi hemmhekk kien jitla' deputat Nazzjonalista flok deputat tal-Partit tal-Ħaddiema. Bil-konsegwenza, li kieku dak ir-'recount' intrebaħ mill-Partit Nazzjonalista minkejja li l-Partit Nazzjonalista kien jaf illi n-numru ta' 'first count' tal-Partit tal-Ħaddiema kien ikbar mill-50%, minkejja t-tbagħbis li kien għamel fid-distretti, xorta waħda nsista li jsir 'recount' bl-isperanza li kienu jtellgħu 28 Deputat flok is-27 li huma tellgħu.

U allura għalkemm illum il-Partit Nazzjonalista qed jipprofessa l-prinċipju li min iġib l-ikbar numru ta' voti għandu jkollu l-ikbar numru ta' Deputati fil-Parlament, dak inhar għamel li seta' minkejja li l-Partit tal-Ħaddiema ġab l-ikbar numru ta' voti biex l-ikbar numru ta' Deputati fil-Parlament ikunu tiegħu u ma jkunux tal-Partit tal-Ħaddiema.

Issa, tajjeb ukoll li l-poplu jiftakar li l-Partit tal-Ħaddiema minn dejjem ried li r-riżultati ta' l-elezzjonijiet li jsiru f'pajjiżna jkunu riżultati ta' elezzjonijiet demokratiċi u nfakkar lill-poplu li kien il-Partit tal-Ħaddiema li għamel illi l-laxk jew id-differenza tal-votanti minn distrett għall-ieħor niżżlu għal 5% jiġifieri minn 15%.

Dan ifisser, li filwaqt li l-Partit Nazzjonalista ried u għamel illi bejn distrett u ieħor jistà jkun hemm 15% ta' differenza tal-votanti, l-Partit tal-Ħaddiema fl-1974 niżżilhom għal 5% biex ma jkunx hemm differenzi kbar. Kemm jista' jkun id-differenzi jkunu żgħar bejn distrett u ieħor.

Issa naraw jekk hux veru illi l-Gvern Soċjalista bil-kejl ta' kif titkejjel id-demokrazija għandux dritt jew le, jmexxi lill-pajjiż. U immorru f'pajjiżi oħra fejn m'hemmx kwestjoni li huma meqjusa bħala pajjiżi demokratiċi. U jiena mmur l-ewwel fl-Ingilterra u naraw jekk hemmhekk hux aċċettat illi Gvern ma jkollux l-ikbar numru ta' voti, jew 50% tal-voti favur tiegħu, u xorta waħda demokratikament għandu d-dritt li jmexxi l-pajjiż. L-Ingilterra bis-sistema li għandhom din tiġri spiss fejn gvern ma jkollux 50% tal-voti li jingħataw fl-elezzjoni u xorta waħda ikollu n-numru kbir, il-maġġoranza kbira tad-deputati fil-Parlament.

Jien illum insemmi żewġ okkażjonijiet fl-aħħar żewġ elezzjonijiet, biex nagħti prova ta' dak li qed jingħad mill-Oppożizzjoni, jiġifieri gvern li m'għandux l-appoġġ ta' 50% ta' dawk li vvotaw, ma jistax jissejjaħ "gvern demokratiku" jew ma jistax jissejjaħ "gvern leġġittimu" jew li ma jistax jissejjaħ "gvern li qiegħed jimxi skond id-demokrazija jew skond ir-rieda tal-poplu", jien nagħti l-eżempju ta' l-aħħar żewġ elezzjonijiet li ġraw fl-Ingilterra.

Fl-elezzjoni li saret fl-1979, il-Partit Konservattiv ġab 43.9% tal-voti li ngħataw fl-elezzjoni u tella' maġġoranza kbira u mexxa lill-pajjiż, bi 43% jew 44% tal-voti. Mela jiġifieri, 56% tal-poplu Ingliż, tal-votanti Ingliżi ma vvotawx għalih meta allura hu kien qiegħed imexxi l-pajjiż kontra r-rieda ta' 56% ta' dawk li vvotaw. Fl-1983, l-aħħar elezzjoni, il-Partit Konservattiv ġab 42% ta' dawk li vvotaw. Mhux biss qed imexxi lill-pajjiż imma żied in-numru ta' deputati fil-Parlament u ħadd ma jazzarda jgħid li l-Partit Konservattiv Ingliż li minnu u miegħu l-Partit Nazzjonalista jaqsam l-ideat u l-ideali, dan mhux qed imexxi skond ir-rieda tal-poplu Ingliż. Dan il-pajjiż li jiftaħar li huwa 'the mother of parliamentary democracy', jaċċettaw li fil-Gvern ikun hemm partit li ma jkollux l-appoġġ ta' 50% ta' dawk li jivvotaw.

Dan sar fl-Ingilterra. Bħal dan kien hemm ħafna okkażjonijiet oħra meta l-Gvern Ingliż, fil-gvern kien hemm partiti li ma kellhomx il-50% ta' l-appoġġ tal-votanti. Imma biex wieħed ma jaħsibx li din hija xi ħaġa li hija tiġri hekk minħabba s-sistema elettorali Ingliża jien se niċċita dak li jiġri l-Amerika u se niċċita mill-ktieb, "The Quality of Life" li meta jiġi biex jitkellem fuq is-sistema elettorali Amerikana, kif jiġi magħżul il-President Amerikan, isejħilha "the Presidential Lottery", lotterija presidenzjali. U f'paġna 92 jingħad dan:

> "Since the electoral system has been in operation, 46 presidential elections have been held and in 15, the man declared winner has received less than half the votes cast.".

Mela fi 15-il elezzjoni fl-Amerika l-president tal-pajjiż li jiftaħar kemm huwa demokratiku kellu dritt skond il-Kostituzzjoni u l-poplu jaċċetta li l-president imexxi l-poplu Amerikan minkejja li ma kellux l-appoġġ tan-nofs ta' dawk li vvotaw fl-elezzjonijiet. U fost dawn kien hemm Truman li kellu 49% biss ta' l-appoġġ ta' dawk li vvotaw, Kennedy li kellu 49% u Nixon li kellu 43% ta' dawk li vvotaw. U f'dan il-ktieb fuq is-sistema ta' dan il-pajjiż demokratiku Amerikan, jingħad:

> "... and three times the ultimate winner has not only won the presidency with less than a majority, he has even got fewer votes than his opponents.".

**Jiġifieri fi tliet okkażjonijiet il-president tela' fl-Amerika u kellu dritt imexxi lill-poplu Amerikan meta ġab anqas voti minn wieħed mill-kandidati l-oħra, fi tliet elezzjonijiet.**

"In other words the man with the highest votes was declared the loser.".

F'każ minnhom dak li sar president ġab kwart ta' miljun vot inqas mill-avversarju tiegħu. Jiġifieri aktar mill-voti kollha li għandna f'Malta għax f'Malta n-numru tal-voti lanqas ilaħħqu kwart ta' miljun. Issa fuq dawn l-awtur igħid hekk:

"In each instance the stability of the nation was preserved . . ."

— l-istabbilità tal-pajjiż ġiet imħarsa —

" . . . because of the good sportsmanship of the loser."

Għax il-'loser' it-tellief kien 'good sportsman' —

"Even though some might have sympathised if he had shouted foul and tried to rally his supporters to contest the results.".

Mela hawnhekk li 'sportsmanship' igħodd u jiftaħru bih. Jiddispjaċini ngħid li f'pajjiżna għandna Oppożizzjoni li mhux biss mhix responsabbli imma lanqas wieħed jista' jagħtiha jew jiftaħar biha li għandha l-kwalità ta' 'good sportsmanship' m'għandiex lanqas sens ta' 'sportmanship' għaliex tilfet l-elezzjoni kif hi stess iddikjarat fil-ġurnal tagħha, u lanqas taċċetta t-telfa, u għadha tikkumbatti għaliex ma tridx taċċetta t-telfa.

**Iżda nixtieq li nfakkar il-poplu wkoll li meta l-Oppożizzjoni tattakka s-sistema elettorali tagħna u tikkritika ħafna l-Kummissjoni Eletttorali u tagħti tort tar-riżultat ta' l-aħħar elezzjoni lill-Kummissjoni Elettorali, nixtieq infakkar lill-poplu, li l-għażla tal-Kummissjoni Elettorali ssir kif issir għaliex il-Partit Nazzjonalista meta kien fil-Gvern iddeċieda kontra x-xewqa u r-rieda tal-Partit tal-Ħaddiema li l-Kummissjoni tingħażel kif qegħda tingħażel minn dak iż-żmien.**

Se naqra mill-Malta Independence Conference 1963, il-ktieb li fih hemm l-Abbozz tal-Kostituzzjoni kif ippreżentat mill-Partit Nazzjonalista u l-emendi li talab il-Partit tal-Ħaddiema u naqra l-emendi li talab il-Partit tal-Ħaddiema dwar il-Ħatra tal-Kummissjoni Elettorali. L-artikolu 41, paragrafu 3 kien igħid hekk:

"The members of the Electoral Commission, the Assistant Commissioners, and other persons who help in the counting of votes shall be appointed by the President of the Republic acting in accordance with the advice of the Prime Minister and the Leader of the Opposition.".

Fi kliem ieħor, fl-1963 il-Partit tal-Ħaddiema ssuġġerixxa li l-għażla tal-Kummissjoni Elettorali, ta' l-Assitenti Kummissarji, ta' dawk kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-'counting of votes' issir mill-President li jagħmel il-ħatriet fuq il-parir tal-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Dak iż-żmien il-Prim Ministru kien Nazzjonalista, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni kien Soċjalista u n-Nazzjonalisti li tant jiftaħru kemm huma 'fair', li tant jiġġieldu għad-demokrazzija, li tant iridu li ma jkunx hemm tbagħbis jew dell ta' tbagħbis, ċaħdu t-talba ġusta li għamel il-Partit tal-Ħaddiema. U nsistew kif għadha sal-lum, li l-għażla tal-Kummissjoni Elettorali — mhux ta' l-oħrajn, tal-Kummissjoni Elettorali — issir mill-President tar-Repubblika fuq il-parir tal-Prim Ministru wara li jikkonsulta ruħu mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Mela jekk hemm tort li ġara li l-Kummissjoni Elettorali għamlet xi ħaġa ħażina, it-tort huwa kollu tal-Partit Nazzjonalista li ma aċċettax fl-1963 il-proposta li għamel il-Partit tal-Ħaddiema.

Imma jien nixtieq nagħlaq billi ngħid li m'għandux għaliex il-poplu jiġi impressjonat bl-għajta tal-Partit Nazzjonalista li huwa favur il-maġġoranza jew ir-rieda tal-maġġoranza. Infakkar li din il-maġġoranza għal Partit Nazzjonalista ma kenitx teżisti għal numru twil ta' snin. Infakkar li l-Partit Nazzjonalista kien jinsisti li f'pajjiżna jkun hawn żewġ Kmamar, is-Senat u Kamra tad-Deputati. Dan kien ifisser li dawk li jintagħżlu fis-Senat ma kenux jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-poplu u dawn kellhom is-setgħa li jżommu milli jsir ir-rieda tal-maġġoranza tad-Deputati fil-Kamra tad-Deputati. Infakkar ukoll li l-Partit Nazzjonalista għal numru ta' snin iġġieled biex ikun hawn il-'plural voting'; jiġifieri li bniedem ikollu aktar minn vot wieħed u li kieku ma kenitx għall-ġlieda li għamel il-Partit tal-Ħaddiema, kieku lanqas illum m'għandna l-prinċipju li jkun hawn vot wieħed għal kulħadd. Infakkar ukoll lill-poplu li l-Partit Nazzjonalista iġġieled kontra l-vot lin-nisa u allura kieku għaddiet tal-Partit Nazzjonalista u ma għaddietx ir-rieda tal-Partit tal-Ħaddiema, illum nofs il-poplu lanqas għandhom il-vot. Infakkar ukoll lill-poplu li l-Partit Nazzjonalista iġġieled ukoll kontra l-vot mat-18-il sena allavolja fil-programm elettorali tiegħu kellu li l-vot jingħata mat-18 u mhux mal-21 sena. Allura meta l-poplu jiftakar f'dan kollu, għandu raġun jistaqsi: Imma kif illum għax l-elezzjoni tat ir-riżultat li tat, għaliex illum il-Partit Nazzjonalista irid jippretendi li l-poplu jifhem li din il-ġlieda kollha qed jagħmilha minħabba d-demokrazija, meta l-passat tiegħu kien ċaħda tas-sistemi demokratiċi?

Fil-fatt allura, wieħed għandu jikkonkludi li din il-ġlieda kollha l-Partit Nazzjonalista qed jagħmilha għaliex tassew irid li pajjiżna ma jimxix 'il quddiem, li f'pajjiżna jkun hawn il-kaos u t-tfixkil għall-iskopijiet partiġjani tiegħu.

**Għalhekk jiena nitlob lil din il-Kamra li tiċħad illum il-mozzjoni tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni u tapprova l-emenda li ressaqt ħalli għada, jekk Alla jrid, il-poplu Malti jkun jista' jifraħ mal-maġġoranza ta' din l-Kamra meta din il-kamra tapprova l-mozzjoni mressqa mill-Prim Ministru.**

żula jkun eżatt daqs in-numru ta' voti (kemm jekk toħodhom fil-'first count', kemm toħodhom fl-aħħar 'count') jista' jagħti l-lok li l-partiti żgħar li jġibu numru sostanzjali tal-voti ma jirnexxilhomx li jtellgħu deputat fil-Parlament. Din skond il-proposta li ppproponew in-naħa ta' l-Oppożizzjoni. U għalhekk dak li ppproponew l-Oppożizzjoni jista' jkun ta' għajnuna f'sistema fejn ikun hemm żewġ partiti biss imma tista' wkoll tkun ta' dannu u ħsara fejn in-numru ta' partiti jkun aktar minn tnejn.

Allura, meta l-Oppożizzjoni tikkritika għaliex tallega li xi ħadd insista li f'pajjiżna aħjar ikollna sistema ta' partit wieħed, allura aħna għandna dritt nirribattu u ngħidu: L-Oppożizzjoni bid-demokrazija tifhem li jkun hemm żewġ partiti biss? Għax is-sistema li qed tipproponi toħnoq iċ-ċans ta' partiti aktar (ta' partiti żgħar) li jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-sistema proporzjonali.

Issa niġu għal dak li jien għidt fl-emenda dwar il-ġlieda li l-Partit ta' l-Oppożizzjoni għamel mill-aħħar elezzjoni 'l hawn.

**U nuru għaliex illum, wara sentejn u nofs, ma tagħmilx sens li l-Oppożizzjoni tasal biex tagħmel din il-mozzjoni meta hija, t-tattika li wżat matul dawn l-aħħar sentejn u nofs, kienet immirata biex iġġiegħel lill-Gvern jagħmel dak li l-Gvern għandu dritt li ma jagħmilx.**

Eżatt wara r-riżultat ta' l-elezzjoni, il-Partit Nazzjonalista ammetta f'editorjal tal-gazzetta tiegħu, li l-partit tilef it-tielet elezzjoni in fila. Ammettih dan il-ġurnal tiegħu stess, f'"In-.... Tagħna". Dan l-għada tar-riżultat ta' l-elezzjoni.

Minkejja li kienu ammettew dan bil-miktub fil-ġurnal tagħhom, fil-Press Conference li għamlu l-għada, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni qal lill-President tar-Repubblika, meta jibgħat għall-mexxej tal-Partit tal-Ħaddiema, m'għandux il-Prim Ministru, il-mexxej tal-Partit tal-Ħaddiema jaċċetta l-inkarigu. Allavolja l-Oppożizzjoni taf li skond il-Kostituzzjoni, il-President tar-Repubblika għandu l-obbligu li jagħti l-inkarigu biex jifforma gvern lill-kap tal-partit jew dak il-membru tal-Parlament li għandu l-appoġġ tal-maġġoranza tad-deputati fil-Parlament.

**Li kieku xi ħadd ta każ ta' dak li qal fil-Konferenza Stampa il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, kieku pajjiżna ma kienx ikollu gvern, f'pajjiżna kien ikun hawn il-kaos.**

Għaliex, la darba, il-mexxej tal-Partit tal-Ħaddiema ma kienx jaċċetta l-inkarigu minkejja li kellu l-maġġoranza warajh fil-Parlament, ma kienx ikun possibbli għall-mexxej tal-Partit Nazzjonalista li jifforma gvern li jista' jmexxi lill-pajjiż għaliex maġġoranza fil-Parlament ma kienx hemm.

**Minkejja dak li qal il-Kap tal-Partit Nazzjonalista, xorta waħda, il-mexxej tal-Partit tal-Ħaddiema aċċetta d-dmir li kellu li jifforma gvern.**

Għalkemm dan sar, mal-ewwel, il-mexxej tal-Partit tal-Ħaddiema iddikjara, pubblikament, f'Konferenza Stampa li huwa qal li se jaċċetta l-inkarigu li kien lest li jiddiskuti mal-Partit ta' l-Oppożizzjoni dak kollu li l-Partit ta' l-Oppożizzjoni ried li jiddiskuti. U okkażjoni wara l-oħra l-Mexxej tal-Partit tal-Ħaddiema qal pubblikament li l-Partit tal-Ħaddiema, li l-Gvern Soċjalista, kien lest li jiddiskuti fil-Parlament kull oġġett, kull ħaġa li l-Partit Nazzjonalista ried li jiddiskuti.

Imma il-Kap tal-Partit Nazzjonalista minflok daħal fil-Parlament kif kien dmiru li jagħmel għażel li jiġġieled il-ġlieda barra mill-Parlament. U baqa' barra mill-Parlament minn Diċembru ta' l-1981 sa Marzu ta' l-1983. U din il-ġlieda kollha saret kif qalilna llum stess il-Kap ta' l-Oppożizzjoni biex f'pajjiżna jkun hawn il-vera demokrazija. Il-Partit Nazzjonalista daħal fil-Parlament wara dawk ix-xhur kollha li kien ilu jiġġieled minn barra u dik il-ġlieda kemm ilu li daħal fil-Parlament għadu ma rebaħħix, tant li llum għadu qiegħed jiġġelidha. U din hi riflessjoni li l-poplu għandu jagħmel. Il-Kap tal-partit Nazzjonalista minflok għażel kif kien fid-dmir tiegħu li jagħmel li jidħol fil-Parlament u jressaq mozzjoni bħalma ressaq illum biex isir it-tibdil fil-liġijiet elettorali jekk ħass li dan ikun għall-ġid tal-pajjiż, ippretenda li se jġiegħel il-Partit tal-Ħaddiema u lill-Gvern Soċjalista jagħmel dawn it-tibdiliet li jrid il-Partit Nazzjonalista billi jibqa' barra mill-Parlament. Dik il-ġlieda tilifha barra mill-Parlament u għalhekk il-Kap ta' l-Oppożizzjoni kellu jaċċetta li l-ġlieda ma seta' qatt jirbaħha barra mill-Parlament u aċċetta li jdaħħal il-Membri tal-Partit tiegħu ġewwa l-Parlament.

Però wara li daħlu fil-Parlament, tajjeb li l-Poplu dan jiftakru, minn Marzu ta' l-1983 għamlu mbagħad sena sħiħa li ma jeħdux sehem fid-dibattiti, fix-xogħol tal-Parlament. U dak wieħed għandu jifhem li kienet kontinwazzjoni ta' din il-ġlieda tagħhom biex iseħħ dak li llum il-Kap ta' l-Oppożizzjoni qal li f'pajjiżna jkun hawn vera demokrazija. Għamlu sena sħiħa ma jeħdux parti fid-dibattiti, fix-xogħol tal-Parlament, imbagħad minn xi xahrejn 'l hawn jidhru li qatgħu jishom li l-ġlieda se jirbħuha billi jibqgħu muti fil-Parlament. U telqu lsienhom, ħallew ilsienhom, u bdew kultant jieħdu parti fid-dibattiti tal-Parlament. Mela anke t-tattika li wżat l-Oppożizzjoni li ma teħux sehem fid-dibattitu tal-Parlament, din it-tattika ma rnexxietx. U issa dawn waqgħu għat-tattika li jieħdu sehem fid-dibattiti tal-Parlament.

Imma l-Partit Nazzjonalista uża mezzi oħra biex jipprova jbatti lill-Partit tal-Ħaddiema u lill-Gvern Soċjalista. Uża l-'boycott' tax-

**"Dawn l-armi aħna rridu nafu kif ġew. Qabel ma nkunu nafu għaliex ġew dawn, kif ġew u għaliex kienu f'idejn il-partitarji tagħkom aħna mhu se nbiddlu xejn fil-Kostituzzjoni."**

*Il-Prim Ministru*
*s-Sur Dom Mintoff*






Maħruġ mit-Taqsima tat-Tagħrif — Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern